## 14 ta' Awissu, 1991

## Imħallef:-

## Onor Victor Caruana Colombo LL.D.

Il-Pulizija
*versus*
Spiridione Azzopardi

**Nuqqas li wieħed Jikkonforma Ruħu mas-Sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati - Appell tal-Avukat Ġenerali mid-Disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku - Multa - Sentenza sospiża.**

*L-Avukat Ġenerali jkollu dejjem jedd li jappella minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati dwar proċedimenti li jinqalgħu mid-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku. Min ikun ikkundannat għall-ammenda għandu jħallasha minnufih.*

*Il-Qorti ma għandhiex titratta ma' ħati permezz ta' sentenza sospiża ħlief jekk il-Qorti jkun jidhrilha li l-każ ikun wieħed li fih sentenza ta' priġunerija kienet tkun xierqa.*

Il-Qorti:- Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat, Spiridione Azzopardi, illi naqas illi jikkonforma ruħu mas-sentenzi sussegwenti tal-Qorti tal-Maġistrati, meta huwa ġie mogħti xahar żmien biex jagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid jew twellija tal-vetturi sussegwenti taħt penali ta' żewġ liri (Lm2) kuljum;

*Omissis;*

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-imputat odjern jiġi kkundannat għal ħlas ta' penali komplessivament fl-ammont ta' tmienja w erbgħin elf, tlett mija u sitta u disgħin lira (Lm48,396) rappreżentanti penali dovuti mill-imputat mill-ġurnata fejn huwa ingħata sabiex jagħti avviż tat-twellija tal-vetturi sal-lum;

Rat is-sentenza tat-13 ta' Mejju, 1990 (*recte* 1991) li biha il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara li rat l-artikolu 11 subinciż 3 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta, tiddeċiedi billi ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontrieh u tikkmandah sabiex iħallas l-ammont ta' tmienja w erbgħin elf, tlett mija u sitta w disgħin liri maltin (Lm48,396), li għandhom jitħallsu fi żmien tlett snin millum u wara li ħadet in konsiderazzjoni l-verbal magħmul mid-difiża tikkonverti l-istess ammont pagabbli għal terminu ta' priġunerija għal żmien tmintax-il xahar, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dwar sentenza sospiża, u ċjoè illi tali sentenza ma jkollix effett ħlief jekk, sa perijodu ta' tlett snin millum, l-akkużat jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li bih talab li din il-Qorti tbiddel, tvarja u timmodifika dik is-sentenza billi fil-waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ikkundanat lil Spiridione Azzopardi jħallas is-somma ta' tmienja u erbgħin elf tlett, mija u sitta u disgħin lira (Lm48,396), tirrevokaha, tħassarha u tannullha fil-bqija u minflok tiddikjara din is-somma bħala ammenda u, jekk ikun jidhrilha li hu hekk xieraq, tipprovdi għall-esekuzzjoni tal-pagament skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħrajn, u trattat l-appell;

Tikkunsidra illi:

1. L-aggravju ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha applikat, enuċjat u interpretat ħażin il-liġi, tat piena li fix-xorta u l-kobor tagħha ma kinetx dik kontemplata mil-liġi għar-reati li dwarhom Azzopardi instab ħati, u effettivament (u kontra l-liġi) ħelset lill-istess Azzopardi mill-obbligu tal-pagament tal-penali imposta bl-artikolu 321 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap.10);

2. Fit-trattazzjoni orali d-difensur ta' l-appellat Azzopardi issottometta li s-sentenza in kwistjoni mhix appellabbli mill-Avukat Ġenerali peress li ma tokkorri ebda waħda mill-ipotesijiet previsti fl-artikoli 413 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Jidher ċar però li l-appell ġie magħmul a bażi ta' l-artikolu 413 (1) (b)(iii)(vii) Kap. 9, liema artikolu ġie ċitat fir-rikors ta' appell. Id-*disposizzjonijiet stipulati fl-inċiżi ċitati jagħtu dritt ta' l-appell* lill-Avukat Ġenerali fuq l-aggravji premessi fil-paragrafu preċedenti. F'dan ir-rigward fir-rikors tiegħu l-Avukat Ġenerali iċċita wkoll l-artikolu 26 tal-Kap. 65. Dan igħid li l-Avukat Ġenerali jkollu dejjem jedd li jappella lil din il-Qorti minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati dwar proċedimenti li jinqalgħu mid-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap.65). Issa s-sentenza appellata hija deċiżjoni fuq l-imputazzjoni tan-nuqqas li jingħata avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid jew twellija ta' vetturi. Dan in-nuqqas jimporta ksur tar-regolament *25 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur liema Regolamenti* ġew magħmulin bis-setgħa ta' l-artikolu 17 (1) ta' l-Ordinanza msemmija, Kapitolu 65. In-nuqqas imsemmi, dwar it-twellija ta' vetturi, jimporta wkoll ksur ta' l-artikolu 16 ta' l-istess

Ordinanza. Il-konsiderazzjoni tal-permess ma tħallix dubju dwar l-appellabilità da parti ta' l-Avukat Ġenerali tas-sentenza in kwistjoni;

3. Il-fatti m'humiex kontestati. Bejn Ġunju tal-1984 u Diċembru tal-1987, Spiridione sive Spiro Azzopardi ġie kkundanat diversi drabi mill-Qorti tal-Maġistrati talli kien naqas li jagħti avviż bil-miktub u li jħallas id-dritt tat-twellija fi żmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid u twellija ta' diversi vetturi. Minn dawn is-sentenzi kien hemm mill-anqas tmienja w għoxrin riferibbilment għal sbatax-il vettura differenti. F'kull waħda minn dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Maġistrati, oltre li kkomminat il-piena għall-kontravvenzjoni (ir-reat joħroġ mir-regolament 25 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 24/1948, u ċjoè l-*M.V.R.*) tagħtu żmien biex jottempera u jikkonforma ruħhu mal-liġi (kif provvdut fl-artikolu 321 (1) tal-Kap. 10) espressament taħt penali ta' żewġ liri kuljum fin-nuqqas, kif ravviżat fl-istess Art. 321 (1). Peress li Spiridione Azzopardi baqa' moruż u inadempjenti fil-konfront tad-diversi sentenzi u diversi vetturi, l-ammont tal-penali, bir-rata prestabbilità fl-istess sentenzi, baqa' jiżdied; u meta reġa tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex din tikkonstata l-morosità u inadempjenza, l-ammont ta' penali li kien akkumula kien tmienja w erbgħin elf, tlett mija sitta w disgħin lira maltin. Fil-ġurnata tas-sentenza, l-akkużat Azzopardi vverbalizza, fost ħwejjeġ oħra, li jekk jiġi kkundannat iħallas l-ammont kollu hu mhux f'posizzjoni li jħallas anke jekk jingħata l-benefiċċju tat-terminu;

4. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha wara li ħadet in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni ta' l-appellat li ma kienx

*f'posizzjoni jħallas l-ammont imsemmi tal-penalitajiet,* Lm48,396:

(a) Ordnat li dak l-ammont jitħallas fi żmien tlett snin middata tas-sentenza;

(b) Fin-nuqqas ta' ħlas f'dak it-terminu, ikkonvertiet listess ammont f'terminu ta' priġunerija għal żmien tmintax-il xahar;

(ċ) dan bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28 (a) (*recte 28A*) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dwar sentenza sospiża, u ċjoè illi tali sentenza ma jkollhiex effett ħlief jekk, sa perijodu ta' tlett snin mil-lum, l-akkużat jikkometti xi reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

5. L-ammont imsemmoi ta' Lm48,396 huwa kostitwit minn pieni li l-appellat inkorra kif preskritt bl-artikolu 321 (1) tal-Kapitolu 10 tal-liġijiet, talli kien naqas li jesegwixxi l-liġi fitt-*erminu li kien ġie mogħti lilu għal dak l-iskop. Il-piena stabbilita* mill-artikolu 321 (1) imsemmi, hija skond l-istess artikolu, ammenda. Għalhekk il-piena ta' Lm48,396 in kwistjoni hija ammenda;

6. In vista tal-permessi l-Ewwel Qorti applikat l-artikolu 11 tal-Kapitolu 9 erronjament, għaliex dan l-artikolu jittratta mill-**multa** u mhux mill-**ammenda.** L-artikolu applikabbli huwa l-14 tal-Kapitolu 9. Dan jiddisponi li min ikun ikkundannat għallammenda, għandu jħallasha minnufih, ħlief li l-Qorti, għal raġuni li għandha tiġi reġistrata, tista' tordna li l-ammenda titħallas f'dak it-terminu li jiġi stabbilit fis-sentenza. Dan itterminu skond l-istess artikolu, ma għandux fil-każ preżenti jeċċedi x-xahar. L-artikolu 13 (2) Kap.9 igħid li l-ammenda meta

ma titħallasx fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 14, tinbidel **f'detenzjoni** bir-rata ta' ġurnata kull ħames liri jew frazzjoni tagħha;

7. Mill-premessi disposizzjonijiet jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma setex takkorda **tlett snin** ċjoè aktar minn xahar, għall-ħlas tal-piena in kwistjoni, kif għamlet. Lanqas setgħet, kif għamlet, tikkonverti dik il-piena f'terminu ta' **priġunerija** u mhux detenzjoni. Lanqas setgħet, l-Ewwel Qorti, kif għamlet, tapplika għall-każ l-artikolu 28A, Kapitolu 9, u tagħti lill-appellat sentenza sospiża. Di fatti dan l-artikolu, fl-inċiż (2) tiegħu jiddisponi li l-Qorti ma għandiex titratta ma' ħati permezz ta' sentenza sospiża ħlief jekk il-Qorti jkun jidhrilha li l-każ ikun wieħed li fih sentenza ta' **priġunerija** kienet tkun xierqa. Fil-każ odjern sentenza ta' priġunerija qatt ma tista' jew setgħet tkun xierqa, għaliex il-piena oriġinali jew kif konvertita minn piena pekunjarja, qatt ma tista' jew setgħet skond il-liġi tkun priġunerija;

8. Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell billi:

(1) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti li biha kkundannat lill-appellat iħallas is-somma ta' tmienja u erbgħin elf, tliet mija u sitta u disgħin lira (lm48,396);

(2) Tirrevoka l-istess sentenza fil-bqija, u minflok tiddikjara dik is-somma bħala ammenda u wara li rat l-artikolu 14 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet, billi l-appellat iddikjara li m'huwiex f'posizzjoni li jħallas l-ammont imsemmi kollu, kif verbalizzat fit-13 ta' Mejju, 1991 quddiem l-Ewwel Qorti, tordna li l-appellat iħallas l-ammenda msemmija lir-Reġistratur fi żmien

xahar mil-lum, u *tirriserva li tipprovdi ulterjorment skond l-*artikolu msemmi 14 u skond l-artikolu 13 (2) Kapitolu 9 jekk ikun il-każ.